MALTA

ATT Nru. XV ta' l-1984

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi.

ACT No. XV of 1984

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Travel Agencies and Hotel Services Act, 1976.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

20 ta' Lulju, 1984

ATT Nru. XV ta' l-1984

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1984 li jemenda l-Att dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1976 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira ta' "*tour* organizzat" wara l-kliem "(Biljetti ta' Dħul Komplessivi)" fit-tarf tagħha għandhom jidħlu l-kliem "iżda ma tinkludix xi servizz li jkun maħsub biss biex jipprovdi trasport"; u

(b) fit-tifsira ta' "aġent ta' l-ivvjaġġar", minnufih wara l-kliem "*tours* organizzati" għandhom jidħlu l-kliem "għal turisti".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

3. Minnufih wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1A) Ebda aġent ta' l-ivvjaġġar ma għandu jorganizza *tour* organizzat kemm-il darba ma jiġux provduti s-servizzi ta' gwida tat-turisti liċenzjat għal dak it-*tour*.".

Żieda ta' artikoli ġodda 6A u 6B ma' l-Att prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Permessi għal sotto-aġenti.

6A. (1) Il-Ministru jista' jagħti permess lil persuni biex jagħmluha ta' sotto-aġenti għall-fini tal-bejgħ ta' biljetti għal *tours* organizzati għat-turisti, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa.

(2) Dak il-permess għandu, kemm-il darba ma jkunx ġie revokat qabel, ikun validu sal-31 ta' Diċembru tassena li fiha jingħata jew jiġġedded.

Thaddim ta' gwidi liċenzjati.

6B. (1) Ebda aġent ta' l-ivvjaġġar ma għandu jqabbad xi persuna biex tagħmel servizzi bħala gwida tat-turisti kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza valida maħruġa taħt l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1965 dwar is-Servizzi ta' Gwidi tat-Turisti.

(2) Kull aġent ta' l-ivvjaġġar li jikser is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun ħati ta' reat u jeħel meta jinsab ħati multa ta' mhux iżjed minn mitejn lira Maltija.".

Żieda ta' artikolu ġdid 21A ma' l-Att prinċipali.

5. Minnufih wara l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Couriers tat-turisti.

21A. (1) Ebda persuna ma tista' tagħmilha ta' *courier* tat-turisti kemm-il darba ma tissodisfax id-dispożizzjonijiet ta' kull regolament magħmul taħt dan l-artikolu, u ebda aġent ta' l-ivvjaġġar ma għandu jimpjega bħala *courier* tat-turisti lil xi persuna li ma tissodisfax l-imsemmija ħtiġiet.

(2) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jippreskrivi l-ħtiġiet, inkluż li toqgħod għal eżami u tikkwalifika fih, li għandhom ikunu sodisfatti minn kull persuna sabiex tagħmilha ta' *courier* tat-turisti għall-finijiet ta' dan l-Att, u biex jipprovdi għal kull ħaġa inċidentali jew supplimentari għalihom.

(3) Kull persuna li tikser is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn mitejn lira Maltija.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 187 tat-18 ta' Lulju, 1984.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati